MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 21/2002/1

**Citadel Insurance p.l.c.**
**kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Simon Azzopardi sija bil-polza u sija fil-ligi, u l-istess Simon Azzopardi**

**Vs**

**Wilfred Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-8 ta' Jannar, 2002, fejn talbu lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef, hames mija u tlettax-il lira Maltin (Lm3,513) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti Lm3,363 danni sofferti mis-socjeta' attrici bhala socjeta' assikuratrici u r-rimanenti Lm150 *excess* li l-attur Simon Azzopardi hallas fuq il-polza, u dan wara l-incident awtomobilistiku tas-17 ta' April, 2000, fi Triq Sant' Anna, Floriana, bejn il-vettura

numru LAK 896 misjuqa minn Kevin Zerafa u proprjeta’ ta’ l-assikurat Simon Azzopardi u l-vettura numru GIN 666 misjuqa mill-konvenut, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi ncident gara tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-11 ta’ Settembru, 2001, u ta’ l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socejta’ assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghnadhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:
1. Illi l-incident tat-traffiku sehh unikament tort tas-sewwieq Kevin Zerafa li b’imperizja u b’inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku baqa’ diehel fil-karozza tal-konvenut Wilfred Spiteri;
2. Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fis-17 ta’ April, 2000, fil-hdax ta’ filghodu, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GIN 666, misjuqa minn Wilfred Spiteri u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAK 896 misjuqa minn Kevin Zerafa.

L-incident gara fi Triq Sant’Anna, l-Furjana fid-direzzjoni tal-Bieb tal-Bombi. Dak il-hin kienet ix-xita.

Kevin Zerafa, a Fol. 23, qal illi kien ghadu kif hareg mill-Poliklinika u zamm fl-*inner lane* fid-direzzjoni tal-Bombi. F’daqqa wahda jara karozza tiskiddja fuq il-lemin tieghu.

Dina baqghet diehla fuq il-bieba tieghu ta’ quddiem tan-naha tal-lemin, tilef il-kontroll, habat mall-bankina u baqa’ diehel go arblu tad-dawl. Wara l-incident, Zerafa dahal fil-karozza tal-konvenut Spiteri u dan ta’ l-ahhar qallu li l-karozza kienet skiddjat.

Il-konvenut a Fol. 29, jghid illi kien qieghed isuq fuq l-*outer lane*, fid-direzzjoni tal-Bombi meta hass xi haga ttieh daqqa, tilef il-kontroll, dar xi tliet darbiet fit-triq sakemm spicca mahbut ma’ karozza pparkjata taht is-sigar. Qal illi wara l-incident sab hsarat fuq il-*mudguard* ta’ quddiem tax-xellug. Ma kienx jaf ezattament x’laqghtu. Ma kkawzax hsarat partikolari fuq il-karozza li kienet ipparkjata, tant illi sidha ma qallu xejn.

Is-Surgent li nvestiga l-kaz, PS 57 Raymond Caruana, xehed illi l-konvenut qallu illi kien qieghed isuq fil-*lane* tan-nofs, tilef il-kontroll, baqa’ diehel go karozza pparkjata taht is-sigar. Mentri Kevin Zerafa li kien qieghed isuq fuq il-*lane* ta’ gewwa, ra karozza tiskiddja ma’ genbu u baqghet diehla fuqu u spicca ma’ arblu tad-dawl.

Minbarra din ix-xhieda, l-Qorti ghandha wkoll konfort ta’ ritratti tal-hsarat subiti fil-karozza misjuqa minn Kevin Zerafa, liema hsarat jikkorroboraw il-verzjoni minnu moghtija. Gew esebiti wkoll id-dokumenti relattivi biex jiggustifikaw l-ammont reklamat fl-Avviz.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta’ dawn ir-rizultanzi processwali, ma hemmx dubbju, li l-karozza misjuqa minn Spiteri dahlet fi *skid* qabel ma habtet mal-karozza ta’ Zerafa. Mhuwiex minnu dak li qal il-konvenut Spiteri illi l-ewwel hass id-daqqa fuq il-*mudguard* ta’ quddiem. Apparti l-fatt illi dan juri nuqqas ta’ ‘*proper look out*’, ladarba ma ndunax x’laqghtu, l-Qorti ma temminx illi dan huwa l-kaz.

Ir-ritratti esebiti f’dawn l-atti juru hsarat pjuttost hfief fuq il-bieba ta’ quddiem tal-lemin tal-vettura misjuqa minn Zerafa. Dawn il-hsarat jidhru li gew ikkagunati minn vettura ohra illi baqghet diehla fuq dik il-bieba.

Il-posizzjoni tal-hsarat jindikaw dan ix-xenarju u mhuwiex probabbli li kienet il-vettura misjuqa minn Zerafa illi baqghet diehla fil-vettura misjuqa minn Spiteri.

Ghalhekk, il-verzjoni moghtija mill-konvenut hija hawnhekk suspetta. Madan kollu l-Qorti hija konvinta li l-kawza ta’ l-incident kien l-iskidd li dahal fiha l-konvenut. Normalment din ic-cirkostanza hija fattur newtrali u ma tfissirx la negligenza u lanqas xi forma ohra ta’ traskuragni. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Alfred Attard (Vol. XLVII part 4 pagna 1195) il-Qorti qalet, “Li skidd wahida m’hijiex xi prova ta’ negligenza u l-anqas diskriminanti. Trid issir indagni jekk kienx hemm negligenza anticedenti jew konkomitanti, jekk din tirrizulta, allura hemm responsabbilta’. Nonostante l-iskidd, jekk le allura l-iskidd tkun imputabbli ghall-*inevitable accident*.”

Ikkunsidrat:

Illi l-hin li gara l-incident kienet ix-xita u l-post huwa maghruf ghad-diffikultajiet u perikli li jista’ jinfacca bihom sewwieq minhabba l-lilwa hafifa u l-qlib ta’ l-istess triq li tmur kontra d-direzzjoni tas-sewqan tal-vetturi.

Ghalhekk, meta wiehed javvicina dik il-parti tat-triq fix-xita, wiehed irid joqghod ferm u ferm attent. Velocita’ ridotta biex ma jpoggix il-vettura f’posizzjoni li ma jkunx jista’ jikkontrollha, kif qalet il-kawza Guzeppa Debono vs Joseph Camilleri (Vol. XLVI part 1 pagna 112) “sewwieq prudenti ghandu joqghod aktar attent meta l-art tkun imxarrba u jaddatta s-sewqan tieghu skond il-kundizzjonijiet u cirkostanzi tal-lokalita’ u allura jekk dik il-lilwa tippresta periklu lis-sewwieq ghandu jkun is-sewwieq li jippreveni.”

Il-Qorti hija sodisfatta li dan, il-konvenut ma ghamlux. Ma pprevediex li dik il-lilwa setghet tkun ta’ periklu ghalih u ma addattax is-sewqan tieghu ghall-kundizzjonijiet necessarji sabiex huwa jkun jista’ jikkontrolla l-vettura tieghu f’kull eventwalita’.

Dina ma kinitx xi haga mprevista, bhal xi roqgha zejt fl-art illi setghet iggieghel sewwieq jitlef il-kontroll minghajr previzjoni. Il-konvenut seta' jipprevedi dak illi kien ser jigri u ghalhekk, il-Qorti jidrilha li kien hemm element ta' traskuragni.

Kif qalet din il-Qorti, f'kawza deciza fit-12 ta' Ottubru, 1992, Hugh P. Zammit noe. vs Hector Carter, "Huwa ben saput illi skidd tista' sservi ta' difiza jekk dina tkun subatanea u mhux *self inflicted* bhal per ezempju roqgha zejt f'nofs karreggjata fit-triq altrimenti nadifa. Izda f'cirkostanzi fejn dina tista' tkun probabbli, tenut kont il-kundizzjoni tat-triq, allura ma tibqax aktar difiza legittima jekk ma jigix ippruvat li s-sewwieq uza d-diligenza kollha biex jevita l-iskidd." (Ara wkoll Andrea Abela vs Rose Arena Qorti Nferjuri Avviz numru 74/93mm 26 ta' Awissu, 1993).

Il-Qorti jidhrilha, li f'dan il-kaz il-konvenut ma wzax id-diligenza kollha necessarja sabiex jevita' l-iskidd, tenut kont li t-triq u l-kundizzjoni taghha, u ghalhekk ghandu jerfa' r-responsabbilta' ta' dan l-incident.

Ghal dawk illi huma d-danni, l-Qorti taghmel riferenza ghan-nota ta' l-atturi pprezentata fil-15 ta' Novembru, 2002, u ghad-dokumenti hemm annessi minfejn jirrizulta ezami tekniku tal-hsarat subiti u stima tat-tiswija. Rat ukoll is-'*subrogation form*' fejn jirrizultal-hlas ta' tlett elef, tliet mija u tlieta u tmenin lira Maltin (Lm3,383), ghad illi fl-Avviz qed jintalab tlett elef, tliet mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm3,363) u mija u hamsin lira Maltin (Lm150) li l-assigurat hallas bhala *excess*.

Il-Qorti ms ddib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita minn dawn l-ammonti li jimmeritaw konferma fil-limiti tat-talba msemmija fl-Avviz.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi fiwaqt illi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li gara fis-17 ta' April, 2000, fi Triq Sant'Anna l-Furjan bejn il-vettura

LAK 896 misjuqa minn Kevin Zerafa u l-vettura GIN 666 misjuqa minn Wilfred Spiteri u dana minhabba traskuragni, nuqqas ta' osservaza tar-regolamenti tat-traffiku, tillikwida d-danni dovuti lill-atturi fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u tlettax-il lira Maltin (Lm3,513) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi l-ammont fuq likwidat.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------